



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 18.5.2015
JOIN(2015) 22 final

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

L-UE u l-ASEAN: sħubija b'għan strateġiku

KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

L-UE u ASEAN: sħubija bi skop strateġiku

1. Introduzzjoni

L-UE għandha interess strateġiku fit-tisħiħ tar-relazzjoni tagħha mal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN)¹. ASEAN b'saħħitha, koeżiva u kunfidenti fiha infisha li tipproċedi bl-integrazzjoni tagħha stess hija tajba għal stabbiltà reġjonali, prosperità u sigurtà u toħloq opportunitajiet ġodda għal kooperazzjoni dwar sfidi reġjonali u globali. L-ASEAN tgħaqqad rati għoljin ta' tkabbir ekonomiku kif ukoll dinamiżmu demografiku. Miġbura flimkien, din tkun is-seba' l-akbar ekonomija fid-dinja u hija mistennija li ssir ir-raba' l-akbar ekonomija sal-2050. Iż-żgħażaġh tal-klassi medja tal-ASEAN huma mistennija li jżiedu għal 65 % tal-popolazzjoni totali tal-ASEAN sal-2030, minn 24% fl-2010. L-ASEAN hija wkoll fil-qalba tal-isforzi biex tinbena ordni ta' sigurtà reġjonali aktar robusta fl-Asja tal-Paċifiku usa'. ASEAN magħquda u li għandha l-kunfidenza fiha nnifisha hija ta' importanza ewlenija sabiex jiġi żgurat li l-isfidi reġjonali jiġu indirizzati b'mod ibbażat fuq ir-regoli; dan huwa fl-interess dirett taċ-ċittadini tar-reġjun, iżda wkoll tal-Unjoni Ewropea.

Għalhekk l-UE għandha sehem kbir fis-suċċess tal-ASEAN.

Hemm momentum għdid fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ASEAN u ż-żewġ naħat għandhom interess fis-sostenn tiegħu. Ħafna fl-ASEAN esprimew it-tama għal impenn akbar tal-UE u xewqa għal 'Sħubija Strateġika' formali. Min-naħa tagħha, l-UE għandha interessi ekonomiċi, settorjali u politiċi konvinċenti biex issaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha ma' dan l-attur prinċipali f'reġjun ta' importanza strateġika.

L-ASEAN qed taħdem biex tistabbilixxi l-Komunità Ekonomika tal-ASEAN (AEC) sal-aħħar tal-2015 u biex tiżviluppa l-viżjoni tagħha wara l-2015, inkluż dwar kif tara r-relazzjonijiet tagħha mal-UE u l-Imsieħba l-oħra ta' Djalogu. Għalhekk, issa huwa l-mument li fih tiġi artikolata viżjoni għall-futur tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ASEAN.

Filwaqt li l-ASEAN u l-UE huma 'sħab fl-integrazzjoni', huma jvarjaw b'mod sinifikanti f'termini ta' livelli medji ta' żvilupp ekonomiku, in-natura tas-sistemi politiċi tagħhom kif ukoll is-saħħa istituzzjonali tagħhom. L-ASEAN se jkollha tiffaċċja l-isfidi ppreżentati minn, fost oħrajn, il-mekkaniżmu ta' teħid ta' deċiżjonijiet intergovernamentali tagħha kompletament ibbażat fuq il-kunsens; Il-finanzjament tal-baġit tal-ASEAN (USD 16 miljun fis-sena biss, ibbażat fuq kontribuzzjonijiet uguali minn kull Stat Membru tal-ASEAN); u r-responsabbilizzazzjoni tas-Segretarjat tagħha. Fl-istess ħin, l-UE u l-ASEAN jaqsmu impenn għall-"bini tal-Komunità", l-iżvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni bbażata fuq ir-regoli bħala l-aħjar mod biex jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom (aktar minn 1.1 biljun b'kollox) b'sigurtà u prosperità. L-istrateġija UE 2020 tista' sservi ta' ispirazzjoni għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-viżjoni u l-aġenda tal-ASEAN wara l-2015.

¹ L-Istati Membri tal-ASEAN huma l-Brunej Darussalam, il-Kambodja, l-Indonesja, ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Laos, il-Malasja, il-Myanmar/Burma, il-Filippini, Singapor, it-Tajlandja u l-Vjetnam.

L-investiment fir-relazzjoni bejn l-UE u l-ASEAN se jgħib redditu sinifikanti għall-interessi tal-UE, kemm ekonomikament kif ukoll politikament. Min-naħa tagħha, l-ASEAN tapprezza r-rwol li jista' jkollha l-UE f'kuntest reġjonali xprunat minn kompetizzjoni strateġika li dejjem qed tikber. Aktar minn kwalunkwe Msieħeb ieħor ta' Djalogu, l-UE tista' tgħin lill-ASEAN biex tikseb l-għanijiet ta' integrazzjoni tagħha bħala msieħeb fdat, mingħajr ma tipriedka xi mudell speċifiku.

Għall-UE, impenn akbar mal-ASEAN huwa essenzjali għall-iżvilupp ta' strateġija għall-Asja aktar komprensiva. F'dawn l-aħħar snin, l-UE:

- aderixxiet mat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fix-Xlokk tal-Asja;
- żiedet u ddiriġiet mill-ġdid il-kooperazzjoni tagħha, ħolqot sħubija aktar ambizzjuża u politika, kif stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Brunei (2013-2017)², il-qafas għal kooperazzjoni kollha bejn l-UE- u l-ASEAN, inkluż il-ħafna attivitajiet tal-Istati Membri tal-UE;
- ħadet sehem f'aktar żjarat ta' livell għoli, kif ukoll
- varat inizjattivi ġodda għal impenn tanġibbli f'oqsma prijoritarji.

L-ASEAN innutat u apprezzat l-impenn tal-UE; issa hemm bżonn li jitħaffef ir-ritmu u jingħata effett lid-deċiżjoni tal-ASEAN u d-deċiżjoni konġunta tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-UE f'Lulju 2014 biex “ir-relazzjoni tinbidel f'waħda strateġika”. Il-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ASEAN fil-livell li jmiss se jibnu fuq u jikkomplimentaw ir-rabtiet bilaterali diġà rikki u varjati bejn l-UE u l-pajjiżi individwali tal-membri tal-ASEAN; dawn il-proċessi għandhom ikunu meqjusa li jsaħħu lil xulxin.

2. Il-Konnettività: naħtfu l-essenza tal-integrazzjoni reġjonali

Il-konnettività hija l-proġett ċentrali, u li jgħaqqad fil-qalba tal-ASEAN illum. L-għanijiet ewlenin ġew stabbiliti fil-*Master Plan on ASEAN Connectivity* (il-Pjan Direttur dwar il-Konnettività tal-ASEAN), li l-oġettiv ġenerali tiegħu hu li n-negozju, in-nies u l-istituzzjonijiet jitqarrbu billi jiġu eliminati l-ostakli³. Il-Pjan Direttur jenfasizza li, filwaqt li infrastruttura soda hija importanti, qafas regolatorju ta' abilitazzjoni u forma ta' identità komuni wkoll għandhom rwoli kruċjali biex jgħaqqdu l-pajjiżi tal-ASEAN ma' xulxin kif ukoll mal-bqija tad-dinja. L-UE — fiha innifisha eżerċizzju fl-integrazzjoni reġjonali — hija bbażata wkoll fuq il-konnettività (anki jekk it-terminoloġiji huma differenti). Huwa mal-UE aktar minn kwalunkwe msieħeb ieħor li l-ASEAN, tista' tiddiskuti, pereżempju, it-tagħlimiet meħuda fl-istabbiliment ta' sistemi ta' trasport integrati f'livell kontinentali, il-ħolqien ta' suq intern u r-ravviċinament tal-persuni.

Il-Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-ASEAN ta' Lulju 2014 fi Brussell ikkonfermat l-interess reċiproku fil-kooperazzjoni dwar il-Konnettività. Ħafna inizjattivi settorjali msemija f'din il-Komunikazzjoni għandhom jitqiesu fil-kuntest tat-tqegħid ta' kooperazzjoni dwar il-Konnettività fiċ-ċentru tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ASEAN.

² Il-Bandar Seri Begawan Plan of Action to Strengthen the ASEAN-EU Enhanced Partnership (2013-2017) (Il-Pjan ta' Azzjoni Bandar Seri Begawan biex tissaħħa l-Isħubija Msaħħa tal-UE mal-ASEAN) , http://eeas.europa.eu/asean/docs/plan_of_action_en.pdf.

³ <http://www.asean.org/resources/publications/asean-publications/item/master-plan-on-asean-connectivity-2>.

Ir-reġjun tal-Mekong t'Isfel (il-Kambodja, il-Laos PDR, il-Myanmar u l-Vjetnam) qed jiżviluppa b'mod imgħaġġel iżda fih il-pajjiżi l-aktar foqra u l-anqas konnessi tal-ASEAN. Id-dħul nazzjonali gross attwali per capita tal-pajjiż tal-ASEAN l-aktar sinjur huwa 26 darba ta' dak l-aktar fqir (fl-UE, dan il-proporzjon huwa inqas minn 1:4)⁴. It-tnaqqis tad-distakk fl-iżvilupp se jkun test deċiżiv għall-Konnettività intra-Asean u kruċjali biex tirnexxi l-AEC.

Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE taqbel sew mal-ambitu tal-Inizjattiva għall-Integrazzjoni tal-ASEAN (IAI), li tpoġġi enfasi b'saħħitha fuq it-tqarrib tal-pajjiżi tal-Mekong t'Isfel lejn il-livelli ta' żvilupp tal-Istati Membri aktar sinjuri tal-ASEAN. L-ASEAN tista' tibbenefika mill-esperjenza tal-UE fil-qasam tal-integrazzjoni u l-koeżjoni.

Inizjattivi speċifiċi f'dan il-qasam se jinkludu:

- il-promozzjoni ta' djalogu regolari u sistematiku bejn l-UE u l-ASEAN dwar il-Konnettività - wara ż-żjara ta' suċċess tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-Konnettività tal-ASEAN (ACCC) fi Brussell u l-Lussemburgu fi Frar 2014, l-ewwel djalogu sar fi Naypyidaw (il-Myanmar/Burma) f'Settembru 2014;
- it-twaqqif ta' task force dwar il-Konnettività biex taġiixxi bħala l-interlokutur tal-ACCC u tmexxi 'l quddiem diversi attivitajiet tal-UE b'appoġġ tal-Konnettività tal-ASEAN;
- appoġġ kontinwu għall-pajjiżi tal-Mekong t'Isfel fl-isforzi tagħhom biex inaqqsu id-distakk fl-iżvilupp intraAsean u biex jikkonnettjaw ma' xulxin. Għal dan il-għan, l-UE se tittripla l-għajnunata bilaterali tagħha għall-pajjiżi tal-Mekong, minn EUR 607 miljun (2007-13) għal EUR 1 705 miljun (2014-20);
- biex b'hekk tappoġġa proġetti bankabbli dwar il-konnettività reġjonali fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u l-infrastruttura urbana⁵. Faċilità ta' assistenza teknika tal-ASEAN (EUR 1.1 miljun, operazzjonali f'nofs l-2015), se tgħin biex jiġu identifikati proġetti u jitwettqu studji ta' fattibbiltà;
- it-taħlit ta' għotjiet tal-UE u self minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, inkluż il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), biex jippromwovu l-iżvilupp ta' ekonomija ekoloġika fir-reġjun tal-ASEAN permezz tal-Faċilità ta' Investment għall-Asja (AIF);
- il-kondiviżjoni tal-esperjenza tal-UE ta' ġestjoni ta' baċiri tax-xmajjar b'suċċess, pereżempju l-Istrateġija tar-Reġjun tad-Danubju;
- il-proposta ta' djalogu dedikat tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin dwar il-Mekong t'Isfel biex jiddiskutu kwistjonijiet reġjonali u assistenza tal-UE li għaddejja bħalissa; kif ukoll
- il-kondiviżjoni tal-esperjenza tal-UE fil-bini ta' suq intern tal-prodotti u s-servizzi hekk kif l-ASEAN timxi 'l-quddiem bit-tlestija tal-Komunità Ekonomika tal-ASEAN.

⁴ Dejta tal-Bank Dinji (2013).

⁵ Programmi speċifiċi tal-UE ffinanzjati fil-programm DCI tal-UE jinkludu l-proġett ta' integrazzjoni tat-trasport bl-ajru tal-ASEAN (AATIP), il-Programm UE-ASEAN ta' Monitoraġġ tal-Istatistika u l-Integrazzjoni (COMPASS), il-programm tal-appoġġ tal-UE għall-Edukazzjoni Għolja fir-Reġjun tal-ASEAN ((EU-SHARE), il-programm ta' Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Migrazzjoni bejn UE-ASEAN u l-Inizjattiva ta' Djalogu Reġjonali Msaħħa UE-ASEAN (E-READI).

2.1. It-tisħiħ tal-kummerċ, l-investiment u n-negozju

Flussi ta' kummerċ u investiment bejn l-UE u l-ASEAN intensifikaw b'mod konsiderevoli matul dawn l-aħħar għaxar snin. Illum, l-ASEAN bħala entità sħiħa hija t-tielet l-akbar imsieħeb kummerċjali tal-UE barra mill-Ewropa (wara l-Istati Uniti u ċ-Ċina) u l-UE hija t-tielet sieħeb kummerċjali tal-ASEAN (wara ċ-Ċina), b'kummerċ bilaterali tal-prodotti u s-servizzi li laħqu valur ta' EUR 238 biljun fl-2013. L-UE bniet ukoll stokk ta' investiment sod 'l fuq minn EUR 156 biljun fir-reġjun tal-ASEAN. Dan jirrappreżenta l-akbar proporzjon ta' investiment dirett barrani totali fl-ASEAN (kważi kwart). Għalkemm fenomenu aktar riċenti, l-investiment ASEAN fl-Ewropa kien ukoll qed jikber b'rata mgħaġġla u laħaq total ta' stokk ta' aktar minn EUR 57 biljun fl-aħħar tal-2013.

Minkejja dawn iċ-ċifri impressjonanti, għad hemm ambitu sinifikanti biex ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-ASEAN jikbru. L-ASEAN dalwaqt se ssir suq uniku b'aktar minn 600 miljun konsumatur u klassi medja li qed tikber; dan joffri opportunitajiet tajba ħafna ta' investiment u esportazzjoni għall-kummerċ Ewropew.

L-UE involviet ruħha b'mod attiv mar-reġjun tal-ASEAN u dejjem aktar mal-istati membri individwali tagħha. In-Negozjati għal ftehim bilaterali ta' kummerċ ħieles (FTAs) ma' Singapor inbdew fl-2010, u sussegwentement mal-Malasja, il-Vjetnam u t-Tajlandja. In-negozjati dwar l-FTA bejn l-UE u Singapor ġew konklużi f'Ottubru 2014 u n-negozjati għal FTA ambizzjuż u wiesa' mal-Vjetnam li jista' jstabilixxi parametru referenzjarju għal negozjati oħra tal-UE fir-reġjun dalwaqt jitlestew.

Fl-2014-20, l-UE se tiddedika madwar nofs l-assistenza finanzjarja tagħha fl-ASEAN (EUR 85 miljun) għall-appoġġ tal-konnettività tal-ASEAN permezz ta' integrazzjoni ekonomika u kummerċ sostenibbli u inklużiv. Għal dan l-għan, se timmobilizza wkoll riżorsi mill-AIF, permezz ta' taħlit ta' għotjiet tal-UE ma' self mill-BEI u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra.

Lil hinn minn ftehimiet kummerċjali u assistenza finanzjarja, l-UE se taħdem ukoll mal-ASEAN sabiex tippromwovi tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Din se tiffoka fuq it-thegħiġ ta' ambjent favorevoli fin-negozju mal-konsumatur f'pajjiżi oħra, l-eliminazzjoni ta' ostakli mhux tariffarji, l-armonizzazzjoni tal-istandards, it-tisħiħ tal-istat tad-dritt u l-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali tax-xogħol. Id-Djalogu li għaddej bejn l-UE u l-ASEAN dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni se jkollu jaqdi rwol ewlieni fl-appoġġ tat-tkabbir soċjoekonomiku.

Biss 13 % tal-SMEs tal-UE huma attivi internazzjonalment barra l-UE⁶. Il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' negozju għall-SMEs Ewropej f'pajjiżi tal-ASEAN se jinvolvi fost oħrajn it-titjib tal-ambjent regolatorju, l-aċċess għall-finanzi, id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali u l-aċċess għas-suq (inkluż l-akkwist pubbliku) u l-iżvilupp ta' governanza korporattiva.

Inizjattivi speċifiċi f'dan il-qasam se jinkludu:

⁶ Skont il-Eurochambres, biss 13 % tal-SMEs tal-UE huma internazzjonalment attivi barra l-UE u madwar 9.7 % tal-SMEs produttori jesportaw oġġetti lejn pajjiżi barra mill-UE. Huwa mistenni li 90% tat-tkabbir dinji fil-ħames snin li ġejjin se jseħħ barra mill-Ewropa.

- it-teħid tar-relazzjonijiet kummerċjali mal-ASEAN flivell differenti, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet regolari bejn il-ministri tal-ekonomija, u ħidma lejn FTA ambizzjuż bejn reġjun u ieħor li jibni fuq ftehimiet bilaterali bejn l-UE u l-Istati Membri tal-ASEAN bħala stadji fil-progress lejn dan l-oġettiv;
- it-titjib ta' opportunitajiet kummerċjali għall-SMEs, inkluż permezz ta' strumenti bħall-Programm ta' Aċċess tal-UE/Opportunitajiet ta' Negozju fix-Xlokk tal-Asja, il-Kunsill tan-Negozju ASEAN-UE u l-iżvilupp konġunt ta' proġetti bankabbli f'appoġġ għall-iżvilupp ta' Ekonomija Ekoloġika li għandha tiġi appoġġata permezz ta' taħlit ta' għotjiet mill-UE u self minn istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej u Internazzjonali permezz tal-Faċilità ta' Investiment għall-Asja (AIF);
- l-esplorazzjoni, flimkien tal-BEI u l-banek tal-iżvilupp li joperaw fir-reġjun tal-ASEAN, ta' modi biex jitlejeb l-aċċess għall-finanzjament għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs.
- it-tisħiħ tad-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-ASEAN fil-qasam ta' miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (SPS) fuq il-bażi ta' standards internazzjonali, biex ikun iffaċilitat il-kummerċ u jitneħħew l-ostakoli eżistenti għall-kummerċ SPS;
- l-appoġġ għall-kooperazzjoni msaħħa bejn l-aġenziji tal-fruntiera biex tkun miġġielda l-frodi doganali waqt li jħeġġu kummerċ leġittimu, trasparenza u nondiskriminazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, inkluż permezz ta' assistenza teknika (bħal fil-każ tal-proġett pilota tas-sistema ta' transitu kompjuterizzata tal-ASEAN) fil-programm ARISE tal-UE;
- il-bidu ta' djalogu mal-ASEAN biex jitlejeb il-fehim reċiproku ta' oqfsa regolatorji u ta' politika industrijali. Is-settur tal-kimika, pereżempju, jibbenefika minn skambju tal-aħjar Prattika dwar l-implimentazzjoni ta' standards globali bħas-Sistema Globalment Armonizzata tan-NU (GHS) tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar, kif ukoll l-esplorazzjoni ta' oqsma ta' interess komuni;
- il-promozzjoni ta' kooperazzjoni bejn in-negozji u bejn ir-raggruppamenti tan-negozju, l-aċċess għal finanzjament, u l-bini ta' kapaċità reġjonali fuq standardizzazzjoni abbażi ta' standards u prinċipji tad-WTO rikonoxxuti internazzjonalment;
- il-bidu ta' djalogu dwar il-proprjetà intellettuali, il-governanza korporattiva u r-responsabbiltà soċjali korporattiva, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-kooperazzjoni ġudizzjarja (speċjalment tal-liġi kummerċjali internazzjonali) u applikazzjoni aħjar tal-istandards internazzjonali tax-xogħol;
- il-promozzjoni ta' djalogi settorjali f'oqsma ta' interess reċiproku, inkluż:
 - standards reġjonali u internazzjonali fl-industrija tal-karozzi u tas-saħħa u l-mediċina;
 - in-navigazzjoni bis-satellita, l-osservazzjoni tad-dinja, Copernicus u kwistjonijiet spazjali bil-għan li tinbena strateġija ta' kooperazzjoni fit-tul appoġġati mill-applikazzjoni ta' għotjiet għar-riċerka Orizzont 2020 f'dawn l-oqsma;

- *is-settur industrijali relatat mad-difiża*, biex jappoġġa l-internazzjonalizzazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Ewropa, inkluż permezz ta' avvenimenti ta' tlaqqiġh bejn l-UE u l-ASEAN⁷; kif ukoll
- *it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni*, b'enfasi fuq applikazzjonijiet tal-ICT għall-benefiċċju taċ-ċittadini, l-armonizzazzjoni u ġestjoni tal-ispektrum, servizzi ta' tiftix u salvataġġ, il-ġestjoni ta' tkabbir ta' komunikazzjoni mobbli, it-televiżjoni diġitali u x-xandir.

2.2. Trasport

L-avjazzjoni ċivili għandha rwol ewlieni fl-iżgurar ta' konnettività tajba fi ħdan l-ASEAN u bejn l-UE u l-ASEAN. Nofs it-traffiku l-ġdid tad-dinja tul l-20 sena li ġejjin se jkun għal, minn, jew fir-reġjun tal-Asja-Paċifiku, biex jilħaq sehem mis-suq globali ta' kważi 40 % sal-2030. It-traffiku tal-ajru bejn l-UE u r-reġjun ASEAN huwa mistenni li jikber b'65 % fl-20 sena li ġejjin, parzjalment minħabba żieda fit-turiżmu.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2012 dwar *Il-Politika Esterna tal-Avjazzjoni tal-UE*⁸ enfasizzat l-importanza tas-suq uniku tal-avjazzjoni ċivili tal-ASEAN, li joffri l-potenzjal għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn reġjun u ieħor u, billi jiġu kkombinati l-liberalizzazzjoni tas-suq u r-regolamentazzjoni tas-suq, jista' jkun referenza għall-ASEAN. L-UE għaddiet minn proċess simili matul l-aħħar tliet deċennji, li laħaq il-qofol tiegħu fis-suq uniku tal-UE integrat b'mod sħiħ tal-lum.

L-UE qed tipprovdi assistenza teknika biex tiġi żviluppata l-kapaċità istituzzjonali fi ħdan l-ASEAN biex jinkiseb ambjent sikur, sigur u sostenibbli uniku permezz tal-Proġett ta' Integrazzjoni tat-Trasport bl-Ajru (AATIP), implimentat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA).

Il-progress tal-ASEAN fit-twaqqif ta' suq intern għall-avjazzjoni jwitti t-triq għal kooperazzjoni aktar mill-qrib fuq livell bejn reġjun u ieħor. Is-Summit dwar l-Avjazzjoni bejn l-UE u l-ASEAN fi Frar 2014 u l-ħidma sussegwenti tal-Grupp ta' Ħidma dedikat dwar l-Avjazzjoni UE-ASEAN kienu strumentali f'dan ir-rigward.

Inizjattivi speċifiċi f'dan il-qasam se jinkludu:

- it-tisħiħ tad-djalogu dwar l-avjazzjoni, anki bil-ħsieb li jinbdew negozjati formali dwar il-ftehim tal-avjazzjoni ċivili bejn reġjun u ieħor; kif ukoll
- l-appoġġ għall-iżvilupp ta' sistemi ta' trasport urban imtejjeb kofinanzjat mill-BEI, banek ta' żvilupp tal-Istati Membri tal-UE u/jew l-AIF.

⁷ Ara l-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni COM(2013) 542 u COM(2014) 387. Avvenimenti ta' tlaqqiġh jistgħu jiġu organizzati permezz ta' COSME, il-programm tal-UE għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju.

⁸ COM(2012) 556 finali.

2.3. Ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kuntatti bejn il-popli

Aktar kuntatti bejn il-persuni huma komponent ewlieni ta' sħubija aktar profonda bejn l-UE u l-ASEAN. Dawn ikopru kemm id-djalogu u l-kooperazzjoni dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll skambji ta' studenti ta' edukazzjoni ogħla u r-riċerkaturi. Il-parteċipazzjoni qawwija tal-ASEAN fis-Seba' Programm Kwadru tal-UE għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (2007-13) wasslet għal 103 proġett, b'kontribuzzjonijiet tal-UE li jammontaw għal EUR 20 miljun.

Kull sena, madwar 250 student tal-ASEAN irċevew boroż ta' studju taħt il-programm Erasmus Mundus tal-UE, li issa ġie sostitwit minn Erasmus+, u bosta boroż ta' studju huma pprovduti minn Stati Membri tal-UE. B'kollox, aktar minn 4 000 student tal-ASEAN invjaġġaw lejn l-Ewropa fuq boroż ta' studju ffinanzjati mill-UE u l-Istati Membri tagħha kull sena.

Inizjattivi speċifiċi f'dan il-qasam se jinkludu:

- it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-programm il-ġdid tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni, Orizzont 2020⁹, fl-oqsma prijoritarji identifikati b'mod konġunt minn uffiċjali għolja fid-Djalogu UE-ASEAN dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni f'Awwissu 2014 (u sussegwentement);
- l-estensjoni tal-kooperazzjoni dwar l-edukazzjoni, inkluż permezz tal-kondiviżjoni tal-esperjenza tal-UE dwar il-modernizzazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja u r-riformi tas-sistema (pereżempju l-impatt fuq l-oqfsa ta' kwalifika, l-assigurazzjoni ta' kwalità, l-akkreditazzjoni u s-sistemi ta' evalwazzjoni, u r-rikonossiment reċiproku ta' diplomi) permezz ta' proġetti Erasmus+ u l-appoġġ tal-UE għall-Programm tal-Edukazzjoni Għolja fir-reġjun tal-ASEAN (Sehem tal-UE);
- l-organizzazzjoni ta' fieri ta' edukazzjoni għolja u skambji akkademiċi (bħala parti mill-appoġġ tal-UE biex tippromwovi l-Konnettività tal-ASEAN fis-settur tal-edukazzjoni);
- it-tkomplija ta' djalogu u kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni u mobbiltà bħall-migrazzjoni legali u l-viżi, il-migrazzjoni irregolari u r-ritorn u r-riammissjoni ta' migranti irregolari, it-traffikar tal-bnedmin, il-migrazzjoni u l-iżvilupp, u l-protezzjoni internazzjonali (l-asil u forom oħra ta' protezzjoni internazzjonali);
- il-kooperazzjoni ma' Stati Membri tal-ASEAN dwar it-turiżmu sostenibbli fuq il-bażi tal-esperjenza li qed issir mat-Tajlandja, il-Myanmar/Burma u l-Vjetnam; kif ukoll
- il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ta' atturi mhux statali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSO) fi proċessi ta' integrazzjoni reġjonali.

3. Sħubija aktar ekoloġika għal futur sostenibbli

Ir-reġjun tal-ASEAN huwa mogħni b'riżorsi naturali rikki li jsostnu firxa wiesgħa ta' attivitajiet ekonomiċi u għajxien. Filwaqt li jikkupa biss 3% tal-erja totali tal-art tad-dinja, ir-reġjun għandu skala eċċezzjonalment kbira ta' diversità bijoloġika u jipprovdni habitat naturali għal aktar minn 20% tal-ispeċi ta' annimali u pjanti magħrufin. Madankollu, it-tkabbir tal-popolazzjoni u tal-

⁹ B'żieda ma' Orizzont 2020, l-istrumenti li jistgħu jintużaw huma daww diġà msemija: id-Djalogu UE-ASEAN ta' Riċerka u Innovazzjoni kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni ASEAN dwar ix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni (APASTI, 2015-2020).

ekonomija qed jeżerċitaw pressjoni dejjem tikber fuq ir-riżorsi naturali tar-reġjun, bi skarsezza tal-ilma, il-qtugħ illegali tas-siġar, il-konverżjoni tal-foresti), drenaġġ ta' art torbiera u nirien fil-foresti li jwasslu għat-telf tal-bijodiversità u żieda f'daqqa tal-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra (GHG), kif ukoll problemi tas-saħħa u telf ekonomiku. Sfidi fir-reġjun jinkludu wkoll l-iskarsezza tal-ilma u ġestjoni fqira tal-iskart, li jikkontribwixxu għal problemi globali ta' skart fil-baħar.

Ir-reġjun tal-ASEAN huwa t-tielet l-akbar baċin ta' foresta tropikali tad-dinja u wieħed fejn l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti qed jikber l-aktar malajr: bħalissa 260 miljun tunnellata ta' CO₂ fis-sena, minn 810 miljun globalment.

Ix-Xlokk tal-Asja huwa suxxettibbli għal diżastri naturali, parzjalment marbuta mat-tibdil fil-klima. Dawn wasslu għal telf sinifikanti ta' ħajja u (b'mod partikolari t-tsunami tal-2004, iċ-ċiklon Nargis fl-2008 u t-tifun il-kbir Haiyan tal-2013) affettwaw liċ-ċittadini tal-ASEAN, iżda wkoll tal-UE. Għal bosta snin, l-UE ilha tgħin pajjiżi tal-ASEAN, b'mod partikolari permezz tal-programm DIPECHO UE, biex jiżviluppaw rispons f'emerġenza u kapaċità ta' twissija bikrija aktar effettivi għad-diżastri naturali u dawk magħmula mill-bniedem, kif ukoll għat-tqassim bejniethom tat-tagħlimiet meħuda fl-iżvilupp ta' mekkaniżmi effiċjenti ta' assistenza konsulari. L-UE hija fuq quddiem fl-għoti ta' appoġġ finanzjarju taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-ASEAN għall-Għajnuna Umanitarja (AHA), filwaqt li ssaħħa ir-rabtiet tagħha mal-istrutturi nazzjonali ta' rispons għall-kriżijiet, pereżempju fil-Myanmar/Burma u l-Filippini. L-appoġġ għall-iżvilupp wara l-2015 tal-“ASEAN Agreement on Disaster Management and Emergency Response” (AADMER) (Il-Ftehim tal-ASEAN dwar il-Ġestjoni tad-Diżastru u Rispons għall-Emergenza¹⁰) u f'konformità mal-Qafas ta' Sendai dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri, l-UE u l-ASEAN se jiffokaw fuq iż-żieda tar-reżiljenza tal-popli biex ikunu sodisfatti l-isfidi tad-diżastri kif ukoll dwar it-tnaqqis ta' riskju, b'mod partikolari f'ambjenti urbani.

Fid-dawl tar-responsabbiltajiet globali tagħhom, l-UE u l-ASEAN għandhom interess komuni fl-iżvilupp ta' dialogu dwar it-tibdil fil-klima aktar effettiv bejn reġjun u ieħor. L-ASEAN u l-UE jikkondividu l-oġettivi li jibqgħu taħt iż-2 °C f'żidiet fit-temperatura u l-iżvilupp ta' ekonomiji u soċjetajiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. L-UE hija lesta li tappoġġja lill-ASEAN fl-integrazzjoni tal-bidla fil-klima fil-Viżjoni tagħha wara l-2015, inkluż permezz ta' finanzjament dedikat taħt il-qasam fokali Tibdil fil-Klima, l-Ambjent u l-Ġestjoni ta' Diżastri tal-programm reġjonali tagħha 2014 sa 2020. L-UE se tappoġġja l-mitigazzjoni, l-adattament u r-reżiljenza, u l-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni tad-diżastri, filwaqt li toffri l-opportunità biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u l-kawżi ewlenin tiegħu b'mod integrat.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT) għandu l-għan li jtejjeb il-governanza tal-foresti u jippromwovi l-kummerċ fi prodotti tal-injam b'mod sostenibbli u maħsuda b'mod legali u jipprovdi bażi tajba għal dialogu aktar intensifikat u bini tal-kapaċità fl-ASEAN. L-UE hija involuta fin-negozjati u l-implimentazzjoni ta' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (FLEGT VPAs) mal-parti l-kbira ta' pajjiżi tal-ASEAN u ilha

¹⁰ http://www.wcdrr.org/uploads/Sendai_Framework_for_Disaster_Risk_Reduction_2015-2030.pdf

tappoġġa l-kooperazzjoni fil-livell reġjonali¹¹. Barra minn hekk, l-UE qed tikkontribwixxi USD 3 biljun għal politika dwar il-klima tan-NU u inċentivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti (REDD+) u se tinkoraġġixxi lill-membri tal-ASEAN biex jiżviluppaw strateġiji REDD + robusti u ambizzjużi.

It-tniġġiż huwa kwistjoni li taffettwa diversi pajjiżi tal-ASEAN, bħall-Indoneżja, il-Malasja u s-Singapor. Ħruq bati sostnut u nirien f'art torbiera u artijiet oħra, xprunati minn konverżjoni tal-foresti, jaffettwa l-kwalità tal-arja, is-saħħa lokali u l-ekonomija. F'xi każijiet, it-tniġġis huwa tant ħażin li l-awtoritajiet lokali ddikjaraw stat ta' emerġenza. L-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra minn art torbiera mnixxa u/jew maħruqa huma xprun sinifikanti tat-tibdil fil-klima, u jikkontribwixxu għall-fatt li r-reġjun tal-ASEAN huwa għoli fil-klassifika bħala emittur ta' gass serra. Il-proġett SEApeat iffinanzjat mill-UE għen lil pajjiżi ASEAN jiżviluppaw u jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni għall-art torbiera. Dan jinkludi attivitajiet alternattivi li jiġġeneraw- introjtu u metodi ta' prevenzjoni ta' nirien bħal ħruq ikkontrollat. Għall-2014-20, finanzjament ġdid huwa pplanat għall-Użu Sostenibbli tal-Artijiet Torbiera u Mitigazzjoni ta' Ċpar fil-proġett tal-ASEAN (EUR 20 miljun) u l-proġett ta' Ġestjoni tal-Bijodiversità u tal-immaniġjar taż-Żoni Protetti fl-ASEAN (EUR 10 miljun).

Fis-snin li ġejjin, is-settur tal-enerġija se jkun essenzjali biex jirfed l-iżvilupp soċjoekonomiku u l-konnettività, filwaqt li jikkonforma mal-oġġettivi ambjentali u tat-tibdil fil-klima. Il-kondiviżjoni ta' esperjenzi u l-aħjar Prattika u li turi soluzzjonijiet innovattivi, inkluż fl-oqsma tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u t-tnaqqis tad-domanda kif ukoll fl-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, jistgħu jkunu l-bażi għal djalogu siewi dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima. Ir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluża d-dimostrazzjoni u l-użu ta' soluzzjonijiet ġodda relatati mal-isfidi msemmija hawn fuq ser ikunu koperti minn Djalogu ta' Riċerka u Innovazzjoni bejn l-UE u l-ASEAN.

L-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali jinvolti wkoll il-ġlieda kontra sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU), li għandu riperkussjonijiet ambjentali, ekonomiċi u ta' sigurtà sinifikanti, L-UE tibqa' impenjata fil-livell internazzjonali għall-ġlieda kontra s-sajd IUU u dan l-impenn huwa essenzjali għall-promozzjoni ta' governanza dinjija tal-oċeani aħjar. L-ASEAN iddikjarat ukoll li hija prijorità importanti.

Inizjattivi speċifiċi f'dan il-qasam se jinkludu:

- it-tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn l-UE u l-ASEAN dwar it-tibdil fil-klima u l-bidu ta' djalogu ta' politika dwar l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Brunei u fuq il-bażi tal-esperjenza tal-UE fl-użu tal-iżvilupp sostenibbli fuq skala kontinentali, l-integrazzjoni tal-politika dwar it-tibdil fil-klima u t-trasformazzjoni tal-Ewropa f'ekonomija effiċjenti haġna fl-użu tal-enerġija, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;

¹¹ Ftehim ta' Sħubija Volontarja (VPA) huwa ftehim kummerċjali legalment vinkolanti bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiż li jipproduċi l-injam barra l-UE. L-għan ta' VPA huwa li jiġi żgurat li l-injam u l-prodotti tal-injam esportati lejn l-UE ġejjin minn sorsi legali. VPA bejn l-UE u l-Indoneżja ġie konkluż fl-2014. Għaddejjin Negożjati għal VPA mal-Laos, il-Malasja, it-Tajlandja, u l-Vjetnam. Il-Kambodja u l-Myanmar huma f'fażi ta' tħejjija. Djalogu FLEGT (Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali) mal-Filippini għadu għaddej.

- it-titjib tal-appoġġ għall-isforzi tal-ASEAN biex jiġi affrontat it-tibdil fil-klima, jitħares l-ambjent u jiġi promoss it-tkabbir ekoloġiku u sostenibbli permezz ta' programm ta' kooperazzjoni reġjonali tal-UE (aktar minn EUR 60 miljun ta' EUR 170 biljun allokati għall-2014-20), kif ukoll permezz tal-Programm AIF u SWITCH għall-Asja¹²;
- l-appoġġ b'mod partikolari tal-isforzi tal-pajjiżi tal-Mekong t'Isfel fir-rigward tar-rabta bejn l-ilma — l-enerġija — is-sigurtà tal-ikel, l-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli mtejba, is-sigurtà tal-ikel (inkluż is-sikurezza tal-ikel), is-sistemi tal-ġestjoni tar-riżorsi naturali u permezz tal-promozzjoni ta' djalogu mal-Istati fir-reġjun tad-Danubju;
- it-tisħiħ ta' approċċi reġjonali FLEGT u REDD+, inkluż biex jitħejjew Programmi ta' Tnaqqis ta' Emissjonijiet ġodda REDD+ fil-livell nazzjonali jew provinċjali/distrettwali biex jiġu indirizzati b'mod aħjar il-muturi tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti b'mod transfruntier, u biex jinkiseb l-aċċess għal pagamenti bbażati fuq ir-riżultati REDD+, filwaqt li tibni fuq il-Faċilità REDD tal-UE sponsorjata mill-UE;
- promozzjoni ta' kooperazzjoni Prattika dwar kwistjonijiet bħad-deforestazzjoni, il-qtugħ illegali tas-siġar u l-kummerċ assoċjat miegħu, inkluż permezz tal-implimentazzjoni effettiva ta' VPAs FLEGT, l-indirizzar taċ-ċpar transfruntier, inkluż billi jitwaqqaf id-dranaġġ ta' artijiet torbiera, l-appoġġ għal produzzjoni aktar sostenibbli ta' komoditajiet bħal żejt tal-palm, il-gomma u l-kafè, it-treġġiġh lura tat-telf tal-bijodiversità, il-ġlieda kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi u skart tal-baħar, il-promozzjoni ta' ġestjoni tajba ta' skart u sustanzi kimiċi, li jappoġġaw is-sigurtà tal-ilma (inkluż l-aspetti transfruntieri tagħha) u l-iżvilupp urban ekoloġiku;
- it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-ASEAN dwar l-enerġija – b'mod partikolari, id-djalogu għandu jkopri l-effiċjenza tal-enerġija u l-konservazzjoni, il-bijofjuwils, il-qafas ta' investiment, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-iżvilupp tal-infrastruttura;
- it-tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali bejn l-UE u l-ASEAN dwar is-sajd IUU, b'żieda mad-djalogi bilaterali eżistenti ma' xi membri tal-ASEAN; implimentazzjoni ta' regoli xierqa dwar il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza; kif ukoll
- l-iżvilupp ta' kollaborazzjoni bejn l-UE u l-ASEAN dwar il-ġestjoni tad-diżastri, b'mod partikolari permezz ta' rabtiet operazzjoanali aktar b'saħħithom, attivitajiet ta' taħriġ estiż u l-parteċipazzjoni f'eżerċizzji tal-ARF għall-għajnuna f'każ ta' diżastru u billi tiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Sendai dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri.

4. Il-kooperazzjoni fil-kwistjonijiet politiċi u ta' sigurtà

4.1. Sigurtà

F'dawn l-aħħar snin, l-UE u l-ASEAN qablu li jiżviluppaw sħubija aktar komprensiva, filwaqt li jmorru lil hinn mir-relazzjoni tradizzjonali li tiffoka fuq kwistjonijiet ekonomiċi. Dan segwa d-deċiżjonijiet tal-ASEAN biex tibda tittratta kwistjonijiet ta' sigurtà bħall-ġestjoni ta' diżastri, is-sigurtà marittima, il-kriminalità transnazzjonali u l-ġlieda kontra t-terroriżmu. Bl-istess mod, l-UE espandiet ir-rwol tagħha bħala attur u fornitur tas-sigurtà, inkluż permezz tad-

¹² <http://www.switch-asia.eu/>

dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona biex b'hekk jippermettilha approċċi aktar integrati għall-politika barranija.

L-ASEAN uriet kreattività u determinazzjoni biex tpoġġi lilha nnifisha fiċ-ċentru ta' arkitettura reġjonali, fejn hija teżerċita setgħat reġjonali u globali permezz ta' sett ta' fora konċentriċi u mrikkba bħal ASEAN+ 3 (li tinvolvi ċ-Ċina, il-Ġappun u l-Korea t'Isfel), il-Forum Reġjonali ASEAN (ARF), il-Laqqha tal-Ministri tad-Difiża ASEAN – il-proċess Plus (ADMM-plus) u s-Summit tal-Asja tal-Lvant (EAS).

L-EAS qiegħed aktar ma jmur isir il-forum ewlieni għall-kooperazzjoni strateġika fir-reġjun, mal-Istati Uniti, iċ-Ċina, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, l-Indja, l-Awstralja, in-New Zealand u l-Federazzjoni Russa bħala Membri, iżda s'issa mhux tal-UE. Minħabba l-kummerċ, l-investiment u rabtiet oħra tal-UE, għandha interess ċar fl-istabilità fir-reġjun u b'hekk fil-promozzjoni ta' arkitettura ta' sigurtà li tkun f'pożizzjoni li ttejjeb il-ġestjoni ta' tensjonijiet politiċi tar-reġjun u li fiha għandha rwol ewlieni, inkluż permezz ta' adegżjoni futura mal-EAS.

L-ASEAN tivvaluta l-opportunità li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-UE dwar is-sigurtà. Tista' tieħu ispirazzjoni mill-esperjenza tal-UE ta' tfassil ta' kooperazzjoni ta' sigurtà fil-livell reġjonali u l-involviment tal-UE — attiva iżda bla theddid — tista' tgħin biex iżżomm diversi għażliet strateġiċi u ċentralità hekk kif setgħat kbar jasserixxu lilhom infushom b'mod aktar qawwi fir-reġjun.

L-UE u l-ASEAN għandhom jisfruttaw il-konverġenza ta' interessi u jagħmlu l-kwistjonijiet politiċi u ta' sigurtà wieħed mill-vetturi l-aktar dinamiċi tal-kooperazzjoni tagħhom, kemm taħt l-umbrella ta' kooperazzjoni UE-ASEAN kif ukoll permezz ta' involviment akbar fl-ARF, attwalment l-uniku forum ta' sigurtà reġjonali li tiegħu hija membru.

L-UE diġà intensifikat l-involviment tagħha fl-ARF f'dawn l-aħħar snin. Ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President attenda laqgħa Ministerjali tal-ARF kull sena sa mill-2012. Fil-livell ta' uffiċjali, l-UE hija aktar attiva minn qatt qabel, u tippresedi b'mod konġunt il-laqgħat tal-ARF u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' ħidma tal-ARF. Inizjattivi reċenti tal-UE jinkludu:

- fl-2013/14, presidenza konġunta (flimkien mal-Myanmar/Burma) tal-grupp Intersessjonali tal-ARF dwar il-Miżuri għall-Bini tal-Fiduċja u d-Diplomazija ta' Prevenzjoni u d-Djalogu relatat tal-Uffiċjali tad-Difiża;
- kosponsorjar, mal-Brunei Darussalam, tal-ewwel kors ta' taħriġ dwar id-diplomazija preventiva u l-medjazzjoni tal-ARF f'Ottubru 2014 fil-Brunei; kif ukoll
- l-ewwel seminar ta' orjentazzjoni dwar il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) tal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża f'Marzu 2014, b'fokus speċjali fuq il-kooperazzjoni ta' sigurtà bejn l-UE u l-ASEAN.¹³

L-imsieħba tal-ASEAN innotaw u apprezzaw din iż-żieda fl-attività tal-UE dwar is-sigurtà, iżda jistaqsu jekk hijiex se tiġi sostnuta. Minbarra l-interess tagħha fl-istabbiltà reġjonali bħala tali, il-

¹³ It-tieni seminar se jsir fit-tieni nofs tal-2015.

kapaċità tal-UE biex tiżviluppa l-kooperazzjoni dwar is-sigurtà se tinfluwenza kif l-imsieħba tal-ASEAN jevalwaw l-offerta tagħha li taderixxi mal-EAS.

Is-sigurtà marittima hija sfida ewlenija ta' tħassib komuni u komponent ewleni fil-promozzjoni tal-UE ta' governanza aħjar tal-oċeani. Kważi 50 % tat-trasport marittimu dinji (skont it-tunnellaġġ) jgħaddi mill-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina. Provvisti tal-enerġija, materji primi u oġġetti li jgħaddu minn dawn l-ibħra huma ta' importanza vitali għall-parti l-kbira tal-ekonomiji, inkluż dik tal-UE. Għalhekk l-UE għandha interess qawwi fiż-żamma tal-istabbiltà u s-sigurtà fil-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina, kif ukoll ir-rispett għal-liġi internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Ibħra (UNCLOS). Hija sejħet b'mod konsistenti għal riżoluzzjoni paċifika u kooperattiva ta' tilwim territorjali u hija sostenitriċi qawwija tal-isforzi li għaddejjin taċ-Ċina u tal-ASEAN biex ikun hemm qbil dwar Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina, li jinkoraġġixxi konklużjoni bikrija tan-negożjati.

L-UE ħadet l-inizjattiva li torganizza l-ewwel Djalogu ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-ASEAN dwar is-sigurtà marittima f'Jakarta f'Novembru 2013, li jinkludi diskussjonijiet fil-fond dwar il-piraterija, is-sorveljanza marittima, tas-sigurtà tal-port u l-ġestjoni konġunta tar-riżorsi. It-tieni Djalogu ser isir fl-2015, b'fokus speċjali fuq ir-rabta bejn is-sigurtà marittima u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

L-Inizjattiva taċ-Ċentru ta' Eċċellenza dwar is-CBRN (riskji Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari) bniet netwerk reġjonali madwar is-Segretarjat tagħha f'Manila. L-għaxar Stati Membri tal-ASEAN kollha huma msieħba ta' din l-inizjattiva, li tipprovdi pjattaforma reġjonali biex jiġu indirizzati r-riskji CBRN u huwa rispons ewleni kemm għat-tħassib dwar is-sigurtà Ewropea kif ukoll tal-ASEAN. L-UE tinkoraġġixxi involviment aktar fil-qrib tal-ASEAN f'din l-inizjattiva, li għandha tgħin sabiex jiġu żgurati is-sostenibbiltà fit-tul u l-appoġġ politiku għaċ-Ċentru.

Oqsma oħra fejn qed jikbru t-theddidiet lill-interessi tal-ASEAN u tal-UE u li fihom iż-żewġ naħat għandhom interess f'kooperazzjoni aktar mill-qrib jinkludu:

- it-traffikar (tal-bnedmin, tad-drogi, tal-annimali slavaġ);
- iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberkriminalità (inkluża l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet);
- in-nonproliferazzjoni u d-diżarm (inkluż it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi);
- id-deradikalizzazzjoni/il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti;
- sitwazzjonijiet ta' minoranzi vulnerabbli li għandhom implikazzjonijiet reġjonali;
- medjazzjoni; kif ukoll
- osservazzjoni elettorali.

F'kull wieħed minn dawn l-oqsma, l-UE qed tħejji inizjattivi prattiċi, kemm fl-oqfsa UE-ASEAN kif ukoll fl-ARF, biex issaħħaħ id-djalogu u tesplora l-bini ta' kapaċità akbar.

Inizjattivi speċifiċi f'dan il-qasam se jinkludu:

- it-tisħiħ tal-appoġ tal-UE għal soluzzjonijiet reġjonali għall-piraterija u aspetti oħra tas-sigurtà marittima. Minbarra l-impenn eżistenti tagħha permezz tal-Programm Rotot Marittimi Kritiċi (MARSIC), l-UE se tesplora attivitajiet ta' bini tal-kapaċità fi u mal-ASEAN fil-qasam tas-sigurtà marittima (sorveljanza, is-sigurtà tal-portijiet), kif stabbilit fil-Pjan ta' Strateġija u ta' Azzjoni ta' Sigurtà Marittima tal-UE (adottat f'Ġunju 2014)¹⁴. Se taħdem biex id-Djalogu ta' Livell Għoli UE-ASEAN dwar is-Sigurtà marittima isir avveniment annwali;
- it-tisħiħ ta' djalogu dwar l-għajnuna f'każ ta' diżastru flimkien ma' bini ta' kapaċità akbar fl-ASEAN (Ċentru AHA) u l-livell nazzjonal; l-estensjoni tal-proġetti attwali fil-Myanmar/Burma u l-Filippini għal Stati Membri oħra tal-ASEAN;
- tikkopresiedi (mal-Filippini) workshop tal-ARF dwar is-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni tal-ARF dwar il-mitigazzjoni tar-riskju tas-CBRN f'Manila f'Settembru 2015;
- l-organizzazzjoni ta' seminar annwali ta' orjentazzjoni fil-PSDK b'enfasi fuq il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-ASEAN, biex tiżdied s-sensibilizzazzjoni dwar ir-rwol dejjem jikber tal-UE dwar kwistjonijiet ta' sigurtà u titrawwem kooperazzjoni operazzjonali akbar Prattika fil-futur mal-ASEAN u l-Istati Membri tagħha;
- it-tisħiħ ta' djalogu u kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess komuni bħal pereżempju l-irkupru tal-assi fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali fuq it-tfal, inkluż fil-kuntest tal-Alleanza Globali kontra l-Abbuż Sesswali tat-Tfal fuq l-Internet, u biex tiġi trattata b'mod konġunt il-kwistjoni ta' persuni transnazzjonali li jwettqu abbuż sesswali fuq it-tfal; kif ukoll
- l-appoġ ta' djalogi ddedikati dwar id-drittijiet tal-bniedem kemm fil-livell reġjonali kif ukoll f'dak bilaterali.

4.2. Id-Drittijiet tal-Bniedem

Bħala parti mill-isforz biex tibni ġejjieni aktar matur u aktar ta' sħubija politika, l-UE hi wkoll ħerqana li taħdem b'mod kostruttiv mal-ASEAN biex tippromwovi u tipproteġi l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. F'dan il-kuntest, prijorità ewlenija tal-UE hija l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt fir-reġjun tal-ASEAN. Għalhekk l-UE laqgħet il-ħolqien ta' Kummissjoni Intergovernattiva tal-ASEAN dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (AICHR) fl-2009 u l-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-ASEAN fl-2012.

Inizjattivi speċifiċi f'dan il-qasam se jinkludu:

- l-appoġ għall-mekkaniżmu tad-drittijiet tal-bniedem tal-ASEAN, li jospita żjarat mill-AICHR (bħal dik fl-2011; hemm oħra ppjanata għat-tieni parti tal-2015) u l-Kummissjoni tal-ASEAN dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tan-Nisa u t-Tfal (ACWC), li żaret l-Ewropa fl-2013, u l-organizzazzjoni ta' żjarat tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem (b'segwitu għal dawk li saru f'Mejju 2013 u Novembru 2014);

¹⁴ <http://register.consilium.europa.eu/doc/srv?l=MT&f=ST%2011205%202014%20INIT>.

- iż-żieda fid-djalogu u l-kooperazzjoni mal-AICHR (bħala l-mekkaniżmu ġenerali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-ASEAN) dwar kwistjonijiet bħalma huma d-drittijiet ta' migranti u vittmi tat-traffikar, negozju u drittijiet tal-bniedem/responsabbiltà soċjali korporattiva, it-tortura, id-drittijiet tan-nisa u t-tfal, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni;
- billi tqiegħed enfasi akbar dwar id-drittijiet tal-minoranzi u l-piena tal-mewt bħala oqsma kruċjali għad-djalogu ta' politika mal-ASEAN; dan se jinkludi proċess trasparenti u sistematiku ta' konsultazzjoni u djalogu mas-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħra; kif ukoll
- appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u atturi mhux statali fir-reġjun tal-ASEAN, inkluż permezz ta' programmi speċifiċi bħall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR).

5. Lejn sħubija bi skop strateġiku

Il-prijorità immedjata hija li tiġi żviluppata sustanza fuq il-linji tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Brunei u l-proposti ppreżentati f'din il-komunikazzjoni konġunta. Għall-futur, il-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-UE u tal-ASEAN ftehm u f'Lulju li għadda li jbiddu r-relazzjoni UE-ASEAN minn "naturali" jew "imsaħħa" għal waħda strateġika u inkarigaw lill-Uffiċjali Għolja biex jiżviluppaw pjan direzzjonali għal dan l-għan¹⁵.

Ħidma lejn Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-ASEAN tkun tfisser li mmorru lil hinn minn dik li hija fil-biċċa l-kbira attwalment mentalità bilaterali u nimmiraw għal impenn akbar dwar kwistjonijiet reġjonali u globali ewlenin. Hemm ambitu konsiderevoli għall-approfondiment tad-djalogu u l-allinjament ta' pożizzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' importanza globali, inkluż:

- it-tibdil fil-klima;
- it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u ż-żieda tar-reżiljenza;
- l-oġettivi tal-iżvilupp sostenibbli għal wara l-2015, inklużi l-qerda tal-faqar;
- pandemiċi tas-saħħa; kif ukoll
- il-ġlieda kontra t-terroriżmu, kontra r-radikalizzazzjoni u ġellieda barranin.

Barra minn hekk, il-kunflitti reġjonali bħal fl-Ukrajna, it-tensjonijiet fil-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina u l-kwistjonijiet nukleari tal-Iran u tal-Korea ta' Fuq huma kollha, essenzjalment, dwar il-prinċipji ewlenin fis-sigurtà u kif għandha tkun żgurata l-konformità mal-liġi internazzjonali. Bħala proponenti qawwjin ta' multilateraliżmu effettiv u bbażat fuq ir-regoli, l-UE u l-ASEAN għandhom interess qawwi li jespandu l-kooperazzjoni tagħhom dwar dawn il-kwistjonijiet reġjonali ta' sinifikat globali. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-ASEAN fis-setturi diversi se jsaħħaħ il-motivazzjoni għal Sħubija Strateġika formali li tirrikjedi impenn politiku u riżorsi fuq iż-żewġ naħat. L-UE tinsab lesta li tagħti sehemha fit-titjib sinifikanti tar-relazzjonijiet u hija impenjata fost oħrajn li:

¹⁵ Għad-Dikjarazzjoni tal-kopresidenti, ara: http://eeas.europa.eu/statements/docs/2014/140723_03_en.pdf.

- tieħu sehem f'valutazzjoni konġunta dwar il-prospetti għal negozjazzjoni -FTA- bejn reġjun u ieħor.
- tinnegożja ftehim dwar l-avjazzjoni ċivili;
- tibda djalogu politiku bejn l-UE u l-ASEAN dwar l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli u ssaħħa id-djalogu politiku dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni;
- tkompli d-djalogu u l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni u mobbiltà;
- iżżid is-sostenn finanzjarju għal kooperazzjoni reġjonali mal-ASEAN u għall-kooperazzjoni tal-iżvilupp ma' Stati Membri inqas żviluppati tal-ASEAN (il-Kambodja, il-Laos, il-Myanmar, il-Vjetnam u l-Filippini) għal aktar minn EUR 2 biljun għall-perjodu 2014-2020;
- l-implimentazzjoni ta' "pakket" estensiv ta' inizjattivi ġodda fil-qasam ta' sigurtà mhux tradizzjonali (marittima, l-għajnuna f'każ ta' diżastru, il-kriminalità transnazzjonali, diversi korsijiet ta' taħriġ dwar id-diplomazija preventiva, il-ġestjoni tal-kriżijiet, il-medjazzjoni, l-istat tad-dritt u l-osservazzjoni tal-elezzjonijiet); kif ukoll
- il-ħatra ta' Ambaxxatur residenti tal-UE dedikat għall-ASEAN.

Il-laqgħa informali b'suċċess tal-Mexxejja ta' Ottubru 2014 f'Milan għandha tkun replikata fil-futur fuq bażi regolari. Fil-livell ta' Ministri Barranin, b'żieda mal-Laqgħa Ministerjali UE-ASEAN fuq skala sħiħa kull sentejn u l-PMC (*Post-Ministerial Conference* (Konferenza wara l-Laqgħa Ministerjali) fil-marġini tal-ARF, ir-RGH/ VP u l-Ministri Barranin tal-ASEAN jistgħu jiltaqgħu fil-ftuħ tal-Assemblea Ġenerali tan-NU. Il-laqgħat settorjali fil-livell Ministerjali, anke jekk ikunu informali, se jikkontribwixxu wkoll biex imexxu 'l quddiem l-aġenda bilaterali f'ħafna mill-oqsma koperti minn din il-Komunikazzjoni. L-UE se tippromwovi tali laqgħat kemm jista' jkun, inkluż fil-marġini ta' laqgħat ministerjali fi ħdan il-Laqgħa bejn l-Ewropa u l-Asja (ASEM) u s-Summit tal-ASEM.

L-UE se tkompli wkoll tippromwovi d-dimensjoni parlamentari tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ASEAN, inkluż billi tappoġġa skambji aktar strutturati bejn il-Parlament Ewropew u l-Assemblea Interparlamentari ASEAN (AIPA), kif propost fir-riżoluzzjoni tal-PE dwar il-futur tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ASEAN li ġiet adottata fil-15 ta' Jannar 2014¹⁶.

Din il-Komunikazzjoni Konġunta tipproponi ideat konkreti biex ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ASEAN jittieħdu għal-livell li jmiss billi tipprovdi qafas aktar koerenti għal kooperazzjoni settorjali u tiżgura attenzjoni politika aktar iffukata. Iż-żewġ naħat għandhom interess li jaħtfu din l-oportunità. Dan se jifforma wkoll sfond għal revizzjoni mill-ASEAN tal-EAS, inkluż il-funzjonament tagħha u sħubija futura. L-UE tinsab f'pożizzjoni tajba biex tikkontribwixxi għax-xogħol prattiku tal-EAS u b'hekk tagħti widen lil din is-sejħa mill-ASEAN għal impenn akbar tal-UE. Il-pass lejn Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-ASEAN għandu jkun id f'id mal-preżenza tal-UE fuq il-mejda strateġika tar-reġjun.

¹⁶ <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P7-TA-2014-0022+0+DOC+XML+V0//EN>

Ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni jistiednu lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex japprovaw l-ideat ippreżentati f'din il-Komunikazzjoni Konġunta u biex jaħdmu flimkien biex isawru sħubija moderna bejn l-UE u l-ASEAN b'għan strateġiku.